# QABEL TAGĦFAS IL-ĦABEL

Qabel tagħfas il-ħabel mal-gerżuma,
jew titla' fuq ix-xifer tal-Barrakka,
jew tibla' l-mediċina misterjuża:
Aqtagħhom kollha l-petali tal-warda
bl-iva u l-le; l-irdumijiet imwiegħra
inżilhom wieħed wieħed sa ma tegħja;
itlagħhom il-għoljiet sakemm id-dinja
tinfirex taħtek; il-moħbiet ta' l-ibħra
iġrihom sa ma l-kaxxa ta' l-ossiġnu
tiżvojta w inti titla' fuq wiċċ l-ilma;
u imxi mat-triqat u l-pjazez kollha
li jwasslu għal xi mkien.
Iżda tistenninix li niġi miegħek.
Ma' l-ewwel skoss li nagħti n-nifs jinqata'
u mmut qabel iż-żmien.

**8 ta' Settembru, 1971.** **Oliver Friggieri**